That he is the owner of the tenement without official number and named 'Olliekatz' in an unnumbered and unnamed allery abutting unto Ramla Road, Nadur, Gozo, which tenement was constructed on a divided portion of land 'Ta' Fejn tas-Sajsu' measuring seven misure and a half equivalent to one hundred and forty point fifty one square meters (140.51sq.m.), bounded south with a passageway, west with property of the heirs of Francesco Camilleri and east with property of Anglu Said, or their successors in title or more accurate boundaries, that John Said, father of the applicant acquired by virtue of a deed in the records of Notary Giuseppi Cauchi of the eleventh (11th) October one thousand nine hundred and fifty eight (1958) as shown delineated in red on the plan and site-plan herewith annexed as Document A;

That on the said deed this portion of land is declared to be subject to the annual and perpetual ground rent of "tliet soldi" equivalent to one cent of the Maltese lira (Lm0.01c) and three cents' euro (€0.03c), but there is no declaration as to whom this ground rent is payable;

That today the applicant is the owner of the said tenement.

That the applicant wants to make use of the faculty given to him by Article 1501 of the Civil Code and redeem this ground rent, which capitalized by five percent (5%) amounts to sixty cents euro (€0.60).

Illi l-esponenti ma għandu l-ebda idea dwar l-identità tal-persuna jew entità li jista' jkollha d-dritt li tirċievi dan iċ-ċens;

Illi sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà, l-esponenti jixtieq ukoll jiddepożita taħt l-Awtorità tal-Qorti l-arretrati kollha ta' ċens mindu missieru Ġanni Said akkwista din l-art u ċjoè sa mis-sena elf disa' mija u tmienja u ħamsin (1958) li jammonta għal ewro wieħed u sitta u tmenin ċenteżmu (€1.86ċ);

Għaldaqstant, sabiex jeżimu ruħhom minn kull reponsabbiltà qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożita s-somma komplessiva ta' żewġ ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2.46ċ) dovuta kif fuq spjegat, liema somma tista' liberament tiġi żbankata minn min għandu d-dritt għaliha, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja Uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' April, 2021

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

That the applicant has no idea of the identity of the person or entity who might have the right to receive this ground rent.

That in order to liberate himself from all responsibility, the applicant also wants to deposit under the authority of this Court, all the arrears of ground rent due as from the date of acquisition of this land by his father John Said and therefore from the year one thousand nine hundred and fifty-eight (1958) which amount to one euro and eighty-six cents (€1.86).

Therefore, in order to liberate himself from all responsibility he is delivering to this Honourable Court and deposits under its authority the global sum of two euro and forty-six cents (€2.46c) due as above explained, which sum can be withdrawn by whom has the right to it, after leaving the relevant receipt.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Magistrate of the said Court.

This 7th April, 2021

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

471

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Bann for Curators

Republic of Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' April, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-7 ta' April, 2021, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 47/2021 ta' Martha Camilleri, armla ta' John Camilleri, irtirata, bint Peter Paul Attard u Emanuela née Camilleri imwielda n-Nadur, Għawdex, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 1947, residenti 'God Bless USA', Triq David Cocco Palmieri, In-Nadur, detentriċi tal-karta tal-identità numru 105647G, tesopni bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-fond bla numru uffiċjali u bl-isem 'God Bless USA' fi Triq David Cocco Palmieri, fin-Nadur, Għawdex, li parti minnu huwa mibni fuq art tal-kejl ta' ċirka seba' mija u tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k) kif jidher immarkat bl-ittra 'B'u bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan annessa bħala Dokument Y u liema art tikkonfina min-Nofsinhar ma' Triq David Cocco Palmieri, mill-Punent ma' proprjetà tal-eredi ta' Paolo u Ursola Camilleri u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Nazzareno Camilleri jew irjieħ verjuri;

Illi din l-art ġiet akkwistata minn John Camilleri u l-esponenti permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr Emanuel George Cefai fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979).

Illi din il-proprjetà fuq imsemmija hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33ċ).

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakolta mogħtija lilha mill-Artikolu 1501 et seq tal-Kodiċi Ċivili u tirredimi dan iċ-ċens illi kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) kif titlob il-Liġi jammonta għal sitta u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€46.60c).

Għaldaqstant l-epsonenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà qed tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tiddepożita l-ammont globali ta' sitta u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€46.60ċ) rappreżentanti

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 7th April, 2021, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 7th April, 2021, in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of a lease bearing number 47/2021 of Martha Camilleri, widow of John Camilleri, retired, daughter of Peter Paul Attard u Emanuela née Camilleri, born in Nadur, Gozo, on the twenty first (21) of December, 1947, residing at 'God Bless USA', Triq David Cocco Palmieri, Nadur, holder of identity card number 105647G, Humbly requests:

That the claimant, in her own name, is the owner of a portion of land with no official number and bearing the name of 'God Bless USA' in Triq David Cocco Palmieri, Nadur, Gozo, built on seven hundred and twenty and two meters squared (722 m2) as highlighted and marked in red on the site plan annexed and marked as Document Y and to which property to the South confines itself with David Cocco Palmieri Street, to the West with property of the heirs of Paolo and Ursola Camilleri and to the East with property of the heirs of Nazzareno Camilleri or other boundaries.

That the above-mentioned property was bought in view of the contract which was carried out by Notary Doctor Emanuel George Cefai on the 25th (twenty-fifth) of October of the year 1979 (nineteen seventy-nine).

That the above-mentioned property is subject to annual and perpetual emphyteusis of two euro and thirty-three cents (€2.33c) and consequently amounts to the sum of forty-six euro and sixty cents (€46.60c) once this emphyteusis is capitalised at a five (5%) rate as requested by law.

That the claimant wants to redeem the above mentioned emphyteusis as required by law in accordance with Article 1501 et seq of Cap. 16 of the Laws of Malta.

That in order for the claimant to exonerate herself from any form of responsibility, this same claimant is depositing the total amount of forty-six euro and sixty cents (€46.60c), reflecting the above-mentioned redemption of emphyteusis,

fidi ta' ċens kif fuq spjegat, liema ammont jista' liberament jittieħed mill-intimat wara li titħalla d-debita riċevuta a saldu skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' April, 2021

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Magistrate of the said Court.

This 7th April, 2021

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

472

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' April, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-7 ta' April, 2021, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 83/2021 ta' Justin Roberts b'passaport Brittaniku

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 7th April, 2021, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 7th April, 2021, in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of a lease bearing number 83/2021 ta' Justin

numru 517843376 u Jane Elizabeth Chapman b'passaport Brittaniku numru 518445171, jesopnu bir-rispett:

Illi b'att tan-Nutar Dr Josette Spiteri Cauchi datat ħmistax (15) ta' Diċembru, elfejn u għoxrin (2020), l-esponenti akkwistaw il-fond bin-numru uffiċjali 99, qabel magħruf bin-numru uffiċjali 90, qabel magħruf ukoll bl-isem 'The Last Resort', fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Għawdex, konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana max-xifer tas-sies, u mill-Punent ma' proprjetà oħra ta' Gozo Views Properties Limited jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, bħala suġġett għall-kwota tiegħu ta' sebgħin ċenteżmu (€0.70ċ) minn ċens oriġinali, annwu u perpetwu, ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16ċ) gravanti territorju akbar. Kopja ta' dan l-att flimkien ma' site plan tal-fond mertu ta' din iċ-ċedola qegħdin jiġu flimkien annessi bħala Dokument A.

Illi dan iċ-ċens irriżulta lill-esponenti minn riċerki li saru fir-Reġistru tal-Artijiet, u għaldaqstant ma hux magħruf lil min kien oriġinarjament pagabbli dan iċ-ċens, jew lil min huwa pagabbli llum.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens.

Illi s-somma ta' sebgħin ċenteżmu tal-ewro (€0.70ċ) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erbatax-il Ewro (€14).

Illi l-esponenti jixtiequ jiddepożitaw ukoll il-ħlas ta' ċens għall-aħħar ħames snin, u ċjoè l-ammont ta` tliet ewro u ħamsin ċenteżmu (€3.50ċ).

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożitaw a favur tal-intimat is-somma totali ta` sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€17.50ċ), u dan sabiex din is-somma totali tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimati wara li titħalla debita riċevuta skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-

Roberts holder of british passport number 517843376 and Jane Elizabeth Chapman holder of British passport number 518445171, humbly request:

That in virtue of a deed in the records of Notary Doctor Josette Spiteri Cauchi of the fifteenth (15) December, two thousand and twenty (2020), the applicants acquired the tenement with official number 99, previously also known with the number 90, and also known with the name 'The Last Resort', in Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Gozo, bordering South with the said street, North with the cliff edge and West with other property of Gozo Views Properties Limited or their successors in title, as subject to its share of seventy cents (€0.70c) from an original annual and perpetual ground rent of one euro and sixteen cents (€1.16c) burdening a larger territory. A copy of this deed together with a site plan of the tenement subject of this schedule are being herewith annexed together as Document A.

That this ground rent resulted to the applicants from searches which were conducted in the Land Registry, therefore, it is now known to whom the ground rent was originally payable or to whom it is payable today.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by article one thousand five hundred and one (1501) of the Civil Code and redeem this ground rent.

That the sum of seventy euro cents (€0.70c) capitalized at the rate of five per cent (5%) amounts to fourteen Euro (€14).

That the applicants wish to deposit also the payment of the ground rent for the past five years, that is the amount of three euro and fifty cents (€3.50c).

Therefore, the applicants respectfully request this Honorable Court and under its authority deposit in favour of the respondent the total sum of seventy euro and fifty cents (€17.50c), and this so that the total amount can be freely withdrawn by the same respondent after tendering due receipt according to law.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time,

Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech, LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' April, 2021

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, LLD, M. Jur., (Eur. Law), Magistrate of the said Court.

This 7th April, 2021

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

473

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla , fis-17 ta' Novembru, 2020, minn din il-Qorti (JVC) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Antonia Fenech vs Horace Fenech, Rikors numru 973/20 JVC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Horace Fenech,a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-ismijiet Antonia Fenech (KI 693748M) vs Horace Fenech (KI 345176M) fl-20 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti Antonia Fenech (KI 693748M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta-Artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-konvenut jiżgombra u jrodd il-pussess battal tal-fond 20A, Triq il-Qiegħa, Is-Siġġiewi, kif mitlub f'dan ir-rikors.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għad-drittijiet kollha tar-rikorrenti kif mitlub fir-rikors, il-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Antonia Fenech vs Horace Fenech, Rikors numru 973/20 JVC, jinsab differit għas-smigħ għall-20 ta' April, 2021, fid-9.30 a.m.

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 17th November, 2020, by this Court (JVC) in the record of the Sworn Application in the names Antonia Fenech vs Horace Fenech, Application number 973/20 JVC, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Horace Fenech, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Antonia Fenech (ID 693748M) vs Horace Fenech (ID 345176M) on the 20th October, 2020, the applicant Antonia Fenech (ID 693748M) asked this Honourable Court:

1. To proceed to judgement according to the demand of the applicant nomine without proceeding to a hearing in terms of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2.Order the defendant to vacate and return the vacant possession of the premises 20 A, Triq il-Qiegħa, Siġġiewi, as demanded in the appliction.

With costs and saving all rights of the applicant as demanded in the application the defendant is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names Antonia Fenech vs Horace Fenech, Application number 973/20 JVC, has been deferred for hearing to the 20 th April, 2021, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Sandawwar Farmhouse, Limiti tal-Fawara, Siġġiewi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' April, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify Respondent: Sandawwar Farmhouse, Limiti tal-Fawwara,Siġġiewi.

Registry of the Superior Courts, today 7th April, 2021

ADV. FRANK PORTELLI,LLD,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

474

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Lill-uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' April, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-7 ta' April, 2021, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 67/2021 ta' Claire Sultana, xebba, bint il-mejjet Carmelo Sultana u Ġemma née Refalo, imwielda Victoria, Għawdex, fit-tlettax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (13.06.1973), u residenti 'Karemma House', Triq Bullara, Ix-Xagħra Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 144737G, tesopni bir-rispett:

Illi hija sid ta' dar numru mija u tnejn (102) ġja tmienja u sittin (68), Triq Bullara, Ix-Xagħra, Għawdex, li kienet b'mandretta ta' ċirka sigħajn (2s), b'kollok bil-kejl ta' erba' mija u ħmistax-il metru kwadru (415mk) u li hija konfinanti mit-Tramuntana ma' beni ta' Ġiuseppi Xerri, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' beni ta' Ġiuseppi Theuma, liema fond huwa aħjar delinjat u muri fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A.

Illi l-imsemmi fond huwa suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' erba' xelini u sitt pens (4/6) pari għal sitta u sebgħin ċenteżmu ewro (€0.76ċ) illi huma pagabbli lil persuni mhux magħrufa.

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kapitlu sittax (16) tal-Kodiċi Ċivili u tifdi dan iċ-ċens;

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 7th April, 2021, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 7th April, 2021, in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of a lease bearing number 67/2021 of Clare Sultana, unmarried, daughter of the late Carmelo Sultana and of Gemma née Refalo, born in Victoria, Gozo, on the thirteenth (13th) June, nineteen hundred and seventy-three (13.06.1973), and residing at, "Karemma House", Triq Bullara, Xagħra, Gozo, holder of identity card number 14473G, humbly requests:

That she is the owner of a house numbered one hundred and two (102) previously sixty-eight (68), Triq Bullara, Xagħra, Gozo, with annexed yard measuring two mondelli (2s) in whole measuring four hundred and fifteen metres square and bordering on the North with Giuseppi Xerri, east and South with property of Giuseppi Theuma, which property is better outlined and shown on the site plan here annexed and marked Document A.

That this property is subject to an annual and perpetual ground rent of four shilling and six pence ((4/6) equivalent to seventy six euro cents (€0.76c) which is payable to persons unknown.

That the depositor would like to avail of the faculty afforded to her under the article one thousand five hundred and one (1501) of Cap. 19 of the Civil Code and redeem this emphyteusis.

Illi s-somma ta'sitta u sebgħin ċenteżmu ewro (€0.76ċ) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal ħmistax-il ewro u għoxrin ċenteżmu (€15.20ċ)

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' ħmistax-il ewro u għoxrin ċenteżmu (€15.20ċ) bħala fidi ta' ċens dovut kif fuq spjegat, sabiex din tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimat, wara li titħalla debita irċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech, LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' April, 2021

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The sum of seventy-six euro cents (€0.76c) capitalized at five per centum (5%) amounts to fifteen euro and twenty cents (€15.20c).

Therefore, the applicant to exonerate herself from every responsibility is hereby depositing under the authority of this Honorable Court the sum of fifteen euro and twenty cents (€15.20c) to redeem the emphyteusis as hereabove specified, which amount can be freely withdrawn from the respondent, after tendering due receipt.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, LLD, M. Jur., (Eur. Law), Magistrate of the said Court.

This 7th April, 2021

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

475

B'digriet mogħti, minn din il-Qorti, fit-23 ta' Marzu, 2021, fuq talba ta' Miriam Bonanno, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Anton Bonnici, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 90/21 AGV, fl-ismijiet 'Miriam Bonanno vs Kuraturi Deputati ' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-ismijiet Miriam Bonanno (KI

By means of a decree given, by this Court, on the 23 rd March, 2021, following a request of Miriam Bonnano, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Anton Bonnici, in the records of the Sworn Application 90/21 AGV,in the names 'Miriam Bonnano vs Deputy Curators' and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Miriam Bonanno

410382M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Anton Bonnici (KI 0149483M) fit- 18 ta' Marzu, 2021, ir-rikorrenti Miriam Bonnano (KI 410382M) ippremettiet u talbet:

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldu l-minuri … omisis … u … omisis … aħwa Bonnici, fil-21 ta' Lulju, 2002, u 18 ta' Ottubru, 2003 rispettivament;

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti tfarrket irrimedjabilment;

3. Illi r-rikorrenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tafda u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri hawn fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: 250, St Anne, Flat 2, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Mellieħa

Notifika : Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int ghaldaqstant ordnat li twaħħal koipja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni li huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf li kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, BA, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' April, 2021

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 7 ta'April, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(ID 410382M) vs Deputy Curators to represent the absent Anton Bonnici (ID 0149483M) on the 18th March, 2021, the applicant Miriam Bonanno (ID 410382M) premised and asked:

1. That the parties had a relationship from which the minors … omisis … and … omisis … siblings Bonnici were born on the 21st July, 2002, and the 18th October, 2003, respectively;

2. That the relationship between the partes irretrievably broke down;

3. That the applicant is humbly asking this Honourable Court to entrust and grant the care and custody of the minors above mentionex exclusively to the applicant and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 250, St Anne, Flat 2, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Mellieħa

Notify: Deputy Curators, Courts of Justice, Valetta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of these banns you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Toni Abela, BA, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th April, 2021

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th April, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

476

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Frar, 2021, fuq nota ta' Zammit Raymond (KI 25069M) kif surrogata fid-drittijiet tal-bank HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 29 ta' April, 2021, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

1. L-appartament internament immarkat tnejn u disgħin (92), jinsab fid-disa' (9) sular (eight floor) ikkalkulat minnaħa tal-Marina, formanti parti minn blokka bi tmintax-il (18) appartament u penthouse b'entratura komuni mal-imsemmija appartamenti numerata tlieta u għoxrin (23) fi triq privata li tifforma parti mill-kumpless Portomaso Developments. Illi l-appartament, il-blokk u t-triq imsemmija jiffurmaw parti minn kumpless akbar ta' bini residenzjali, li lkoll iħarsu għal fuq proprjetà ta' Spinola Developments Company Limited, bla numru u msejjaħ Portomaso, aċċessibbli minn Triq Spinola u Triq il-Knisja, San Ġiljan, flimkien mal-appartamenti l-oħra. L-appartament igawdi mill-partijiet komuni u toroq privati intiżi li jservu l-kumpless kif ukoll igawdi aċċess mill-entrata komuni tal-blokk u l-użu mhux interrompibbli jew revokabbli tal-partijiet u tas-servizzi komuni tal-blokk però eskluż l-użu tal-bejt ħlief sabiex jinstalla airconditioning unit sa kejl massimu ta' metru kwadru. L-appartament għandu wkoll id-dritt ta' użu tal-partijiet komuni kollha tal-kumpless Portomaso, liema partijiet komuni huma deskritti f'schedule B u C datati Ottubru 2000 u li jinsabu fl-atti tas-Subbasta numru 29/19 elenkati mal-kuntratt tas-sbatax (17) ta' Novembru, elfejn u sebgħa (2007) fl-atti tan-Nutar Dr Remigio Zammit Pace. Il-proprjetà tgawdi u hija suġġetta għas-servitujiet kollha naxxenti mill-pożizzjoni tagħha fil-blokk, inkluż servitujiet tat-twieqi, gallariji, passaġġi ta' pipes, drains u wires, u inkluż servizzi li jistgħu ikunu qegħdin għaddejjin mill-istess proprjetà. Kull sid ta' appartament u/jew Amministratur tal-blokka ikollu dritt ta' aċċess ai fini ta' manutenzjoni tal-istess servizzi, u jekk is-servizz ikun għaddej mill-appartament ikollu dritt ta' aċċess minnu basta bi preavviż, ħlief f'każ ta' emerġenza. Is-sid huwa prekluż milli jirrinunzja, ibigħ jew iċedi d-drittijiet tiegħu ta' użu fil-partijiet komuni jekk mhux flimkien mal-proprjetà tal-appartament. Minkejja dan id-dritt ta' użu ma jistax jiġi mneħħi individwalment jew kollettivament. L-appartament ma jistax jiġi maqsum fi tnejn jew aktar appartamenti mingħajr l-approvazzjoni ta' Spinola Developements Limited. Lanqas jistgħu jsiru tibdiliet strutturali mingħajr l-approvazzjoni ta' Spinola Development Company Limited, Is-sid huwa obbligat li jifforma parti kemm mill-Portomaso Block 23 Owners Association u mill-

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th February, 2021, on the application of Zammit Raymond (ID 25069M) as subrogated in the rights of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 29th April, 2021, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

1. The apartment internally marked ninety two (92), situated on the eighth (8th) floor, measured from the Marina side, forming part of the block of eighteen (18) apartments and penthouse, having a common entrance with the said apartments numbered twenty three (23) in a private road within Portomaso Development. The apartment, the block and the street form part of a larger residential building complex, all overlooking over property of Spinola Developments Company Limited, without number and named Portomaso, accessible from Triq Spinola and Triq il-Knisja, Saint Julian's, together with the other apartments. The apartment enjoys from the common areas and private roads intended to serve the complex as well as enjoys access from the common entrance of the block and the uninterruptible use or revocable of the common areas and services of the block but excluding the use of the roof apart to install an air-conditioning unit of maximum measurement of one metre square. The apartment has the right of usage of all the common areas of the Portomaso Complex, which common areas are described in schedule B and C dated October 2000 and described in the acts of judicial sale number 29/19 listed in the contract dated seventeenth (17th) November, two thousand and seven (2007) in the acts of Notary Dr Remigio Zammit Pace. The property enjoys and is subject to all the servitudes as results from its physical position in the Block, including the servitudes of windows and balconies, the passage of the necessary pipes, drains, wires and including services that may be passing through the same property. Each apartment owner and/or block Administrator shall have the right to access for maintenance purposes for the said services, and if the service is through an apartment, he will have right of access with prior notice, apart in emergency case. The owner is precluded from renouncing, selling or withdrawing the right of use of the common areas if not together with the apartment property. However, the right of use cannot be individually or collectively disposed of. The apartment cannot be transformed or reconstructed in two or more apartments without Spinola Developments Limited approval. The owner is obliged to become a member of the Portomaso Block 23 Owners Association and of the Portomaso Associations Council and is also

Portomaso Associations Council u huwa obbligat ukoll illi jonora l-impożizzjonijiet imposti fir-regolamenti kollha msemmija annessi fl-atti tas-Subbasta numru 29/19 elenkati mal-kuntratt tas-sbatax (17) ta' Novembru, elfejn u sebgħa (2007) fl-atti tan-Nutar Dr Remigio Zammit Pace, u liema kundizzjonijiet għandhom jiġu imposti fuq kull trasferiment futur u jobdi r-regoli kollha msemmija fil-kuntratt tax-xiri kif ukoll ma jistax jagħmel alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsess bil-miktub ta' Spinola Development Company Ltd, alterazzjonijiet strutturali fil-komun jew fis-servizzi tal-blokk, alterazzjonijiet strutturali fil-komun jew fis-servizzi fil-komun, flimkien ma' piżijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess atti u stmat li jiswa miljun u erba' mija u erbgħin elf ewro (€1,440,000);

2. Il-garage parking space bin-numru tlett elef, erba' mija u tmintax (3418) ta' kejl ta' ħdax punt ħamsa metri kwadri (11.5m2) u bl-ogħli ta' tnejn punt tnejn metri (2.2m) li jinsab fil-livell -3 tal-kumpless ta' garaxxijiet aċċessibbli minn drive komuni u toroq interni lkoll mibnija fil-kumpless magħruf bħala Portamaso, esklużl-arja ta' fuqu, u kif suġġett u jgawdi s-servitujiet naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu u suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut ta' Spinola Developments Company Limited f'każ illi s-sid jagħżel illi jitrasferixxi l-garage space separatament mill-appartament. Il-garage parking space jista' jintuża biss għall-ipparkjar tal-karozza u kull użu ieħor huwa pprojbit u stmat li jiswa' tmienja u erbgħin elf ewro (€48,000).

Dawn il-proprjetajiet huma suġġetti għal utile dominju ċens annwu u temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu originali ta' mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mid-dsatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u sittin (19/05/1964) fuq l-appartament ta' żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€0.47) fuq l-ispazju tal-parkeġġ u dan kif deskritt aħjar fil-kuntratt tas-sbatax (17) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007) fl-atti tan-Nutar Dr Remigio Zammit Pace.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Zusina Valeria (passaport Russu numru 63No3729146) u b'digriet datat l-1 ta' Ottubru, 2019, ġew nominati Dr Victor Bugeja u PL Nadine Farrugia bħala kuraturi deputati għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 29/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 7 ta' April, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

obliged to abide by all the Regulations as described in the acts of the judicial sale number 29/19 listed in the contract dated seventeeth (17) November, two thousand and seven (2007) in the acts of Notary Dr Remigio Zammit Pace, and which conditions are to be imposed on all future transfers and abides all the regulations mentioned in the contract of sale, as well as structural alterations cannot be made without the written consent of Spinola Development Company Ltd in the common area, services in the block, or services in the common area, together with burdens and conditions mentioned in the same acts and valued at one million four hundred and forty thousand euro (€1,440,000);

2. The garage parking space numbered three thousand, four hundred, and eighteen (3418) measuring eleven point five square metre (11.5m2) and height of two point two metre (2.2m) situated on garage level -3 of the garage complex with access from common drive-in and internal roads, all built on the site known as Portomaso, excluding the overlying airspace, and subject to and enjoys servitudes which result from its relative position and subject to the right of first refusal of Spinola Developments Company Limited in case that the owner choose to transfer the garage space separately from the apartment. The garage parking space can only be used from car parking and all other use is prohibited and valued forty-eight thousand euro (€48,000).

These properties are subject to the utile dominium annual and temporary ground rent for the remaining years from the original period of one hundred and fifty (150) years, which commenced on the nineteenth May, one thousand nine hundred and sixty four (19/05/1964) of two euro and thirty three cent (€2.33) on the apartment and forthy seven cent (€0.47) on the parking space, as better described in the contract dated seventeen (17) November, two thousand and seven (2007) in the acts of Notary Dr Remigio Zammit Pace.

The said tenement is the property of Zusina Valeria (Russian passport number 63No3729146) and by decree dated 1st October, 2019, Dr Victor Bugeja and LP Nadine Farrugia were nominated as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 29/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 7th April, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603